# Mid-Dar fi Triq Rinella għat-Teatri taċ-Ċinema Maltin

## *Intervista ma' Louis Cuschieri, Screen writer u Direttur tal-film 'Qerq', li saret nhar is-Sibt 19 ta' Mejju 2007 fid-dar tiegħu, bejn id-9.30 am u l-10.40 am.*

kitba ta' Jonathan Cini

Waqt waħda mid-diskussjonijiet li jkollhom bejniethom, Charles Flores u Manuel Casha (il-Kalkariż ta' l-Awstralja) kienu qed jitkellmu dwar il-film '*Qerq*', film li kif jaf kulħadd kiseb suċċess enormi li tant hu hekk li mal-ħruġ tiegħu il-31 ta' Jannar 2007, l-ewwel sitt ġimgħat kien żamm l-ewwel post fil-klassifika tal-*box office* tat-teatri ċinematografiċi Maltin. Fost il-films li '*Qerq*' għeleb fil-klassifika nsibu l-films Blockbusters, '*Rocky Balboa*' u '*Blood Diamond*' fost oħrajn. Is-suċċess fenomenali ta' '*Qerq*' ikompli jsarraf billi kien dam jintwera fit-teatri ċinematografiċi Maltin għal erba' xhur sħaħ.

Manuel Casha kien għadu ma ndunax li l-persuna u l-moħħ wara '*Qerq*' ma kien ħadd ħlief wieħed mis-subien ta' Triq Rinella "ta' żmienu", triq li rat minn gruppi tal-mużika *Rock'n Roll* sa għaqdiet sportivi. Kif intebaħ, bi stagħġib qal lil Charles, "Dak l-istess Louis?! Baqa' daqshekk iffissat?!"

Bir-raġun kollu, ma tistax ma tapprezzax il-kapaċità artistika ta' Louis Cuschieri, karattru dħuli u akkoljenti li mill-ewwel jilqgħek fid-dar tiegħu. F'dik il-kamra, għall-kwiet, fejn inħmew ħafna proġetti li wassluh fejn jinsab illum, tara għadd bla qies ta' films, dvds u numru sabiħ ta' posters u ta' produzzjonijiet tiegħu stess tal-passat.

Louis, it-tifel ta' Pullu Cuschieri (ex-President tal-Melita Club) u l-mibkija Lorenza, għandu żewġ ħutu: Doris u Joe. Il-kliem ma setax ma jaqax fuq in-nuqqas ta' ommu li ħallietna fid-9 ta' Marzu li għadda. "Ommi kienet iċ-ċentru tal-ħajja tiegħi. Tliet kwarti minn ġismi miet magħha. Kont niftaħ qalbi magħha ta' sikwit, kont *close* ħafna magħha. Minkejja l-età kbira, kellha konoxxenza tajba u kienet anke tagħtini suġġerimenti u pariri li jien kont noqgħod fuqhom. Mara qaddisa. Taf tħobb u tagħder, dejjem lesta biex tgħin, kienet mara altruwista. Meta miet ħija Jack fl-età ta' 14-il sena, kienet ħassitha wisq it-telfa tiegħu. Kienet baqgħet issemmih sakemm mietet."

"*The Show must go on*", jgħidu l-Ingliżi. B'din in-nota bdejna nitħaddtu dwar it-tfulija ta' Louis. "Sa minn ċkuniti ħabbejt il-films. Missieri u ommi kienu jieħduna naraw il-films ir-*Rialto*, Bormla jew il-*Buckingam* Ħaż-Żabbar. Dak iż-żmien missieri kien xtrali *projector* 16mm u fil-bitħa tad-dar għamilli speċi ta' teatru żgħir, bis-separju u bil-*projection room*. Kont naqta' l-*cuttings* mill-gazzetta tal-posters tal-films ta' dak iż-żmien u ta' tfal li kont, kont inwaħħalhom fuq bord bil-granet: *Monday, Tuesday, Wednesday*.... F'kelma waħda kif jagħmlu fiċ-ċinemas. Wara dan kollu kont navża lit-




tfal bħali li ser indawwar film fit-teatru tiegħi u dan kont nagħmlu kull nhar ta' Ħadd fl-4.00 pm. Naħseb kienu jiġu xi tmienja jew għaxart itfal."

"Ta' 18-il sena kont ħabib ħafna tal-mibki Paul Avellino li dan kien *General Manager* tal-*Malta Film Facilities* u fl-1964 kien ġie l-ewwel film (*The Bedford Incident*) biex jinħadem fit-tank u Paul Avellino immedjatament kien daħħalni naħdem magħhom billi kien jaf li jien iffissat fuq il-films. Warajh ġew sensiela ta' films oħra. Ħdimt hemmhekk bħala *First* u anke *Second Assistant Director* u diversi karigi oħra. Kemm domt hemm, li kien sal-1975 tgħallimt ħafna għax kont inkun viċin ħafna ta' Direttur ta' fama internazzjonali bħal John Hutson, Don Chaffey u oħrajn. F'dan il-perjodu kont ħadt korsijiet ta' *Still Photographer* kif ukoll fil-kitba drammatika immexxi mill-Prof. Ġużè Busuttil u Ġużè Diacono. Fl- 1975 dħalt naħdem bħal *Senior Photographer* mad-DOI u hemm qattajt 30 sena. Illum irtirat."

"Ma nistax ma nsemmix il-kors li ħadt

fl-università dwar il-kitba kreattiva taħt il-bravu Prof. Oliver Friggieri. Wara dan il-kors kont ħadt żewġ *courses* oħra intitolati '*How to be a film Director*' u '*How to write a Screenplay*'."

Nixtieq ngħid li Louis Cuschieri fl-età żgħira ta' 15-il sena kien beda l-karriera tiegħu fuq il-palk ikanta u jirreċta mal-kumpanija teatrali '*Sammaritans Dramatic Company*' u wara mal-kumpanija intitolata '*Bajda u Ħamra*'.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' kumpaniji tal-films fis-sittinijiet, Louis Cuschieri flimkien ma' Ronald Said, Tony Barbara u Joe Cauchi, kollha Kalkariżi kienu waqqfu kumpanija tal-films fil-Kalkara '*Sunrise Pictures*'.

Louis u sħabu wara li jtemmu film, kienu jorganizzaw serata fis-sala ta' l-iskola tal-Kalkara sabiex juru l-film tagħhom lill-Kalkariżi. Din is-serata kienet issir taħt forma ta' '*Best Actor Award Show*' li fil-fatt kien ikollhom ġurija b'nies distinti bħal kittieba Hugh Atkinson, Ernie Bradford, James Maitland u bħala Maltin lil Charles Clews u Charles Flores, li dan ta' l-aħħar f'età żgħira kien diġà beda l-karriera brillanti tiegħu fil-ġurnaliżmu. Barra minn dawn kienet tattendi wkoll attriċi magħrufa Jean Kent biex tirrappreżenta x-*shield* lill-aħjar attur/attriċi, skond il-fehma tal-ġurija msemmija.

Louis kien għamel waqfa ta' ftit snin mill-ġbid tal-films, imma fl-1977 id-delizzju ma ħalliehx kwiet u reġa' ta l-ħajja l-isem ta' '*Sunrise Pictures*', imma din id-darba b'nies ġodda, fosthom insibu lill-kuġin tiegħu John Micallef, u l-ħbieb antiki tiegħu Frans Bajada u Freddie Muscat. Wara ftit taż-żmien kien ingħaqad magħhom ħabib ta' Louis, Twanny Agius minn Ħal Għaxaq li kienu jaħdmu flimkien id-DOI. Dak iż-żmien Louis kien xtara *projector* speċjali għal-*Large Auditorium* bl-iskop li l-films tagħhom indawruhom fit-teatri taċ-ċinemas Maltin, fil-fatt kienu għamlu provi b'din il-famuża *projector* fir-*Rialto Cinema* ta' Bormla.

Fl-1987 Louis u sieħbu Twanny Agius kienu ngħaqdu u ffurmaw kumpanija tal-films ġdida taħt l-isem '*Louton Pictures*'. Louis kien ħa ħsieb jidderieġi u jikteb l-ewwel script li intitolah "*Iż-Żonqri*", Twanny Agius kien ħa ħsieb li jokkupa l-kariga ta' *Director of Photography*, f'dan il-film kienu ħadu sehem Lorry Schembri, Veronica Farrugia u r-raġel tagħha Joe (id-Dulli). Louis għandu l-unur jgħid li '*ż-Żonqri*' huwa l-ewwel film bil-Malti li kien ħareġ għall-kiri fil-*Video Rental Shops* ta' Malta u Għawdex. Dan kien l-ewwel suċċess kbir f'Malta għal Louis, għax meta '*ż-Żonqri*' kien ħareġ għall-kiri kont tmur f'xi *Video Rental Shop* biex tikrih u ma kontx issib tikrih għax dejjem kien ikun mikri, allura n-nies kien ikollhom jibbukkjawh biex ikunu jistgħu jikruh.



Twanny Agius kien għamel l-

aħħar film tiegħu ma' Louis minħaba l-impenji personali li ma ħallewlux alternattiva. Louis ma waqafx hawn għax kellu ħabib antik ieħor li kien għadu ffissat fuq il-films daqsu, li dan m'hu ħadd ħlief Mario Busietta li jispeċjalizza fl-effetti speċjali.




Louis Cuschieri bidel l-isem tal-kumpanija u issa ġiet tissejjaħ Paradise Pictures. Huwa mill-ewwel beda jaħdem fuq *Screenplay* li wara li lesta mill-kitba intitolah '*Mera tal-Passat*'. Louis bħas-soltu ħa ħsieb id-Direzzjoni u Mario Busietta l-effetti speċjali u bħala *Camera Operator* kien beda Tony Briffa mill-Kalkara fejn dan minħabba raġunijiet personali kien waqaf fl-ewwel kwart tal-film u kompla Mario Busietta u miegħu għal xi kummenti kellu wkoll lil Paul Galea bħala *Camera Person*.

Louis u sieħbu Mario mill-ewwel kellhom f'rashom li l-film '*Mera tal-Passat*' huwa ddestinat għaċ-ċinemas lokali, fil-fatt wara li lestewh, kellhom laqgħa ma' l-aħwa Decesare, proprjetarji ta' l-*Eden Century Film Centre Complex*. Dawn iddeċidew li qabel ma jaċċettaw li '*Mera tal-Passat*' jintwera fiċ-ċinemas tagħhom iridu jarawh ħalli jkun jistgħu jiġġudikaw jekk għandux livell għoli, għax dan ser ikun ma' films Amerikani u jrid ikollu l-istess livell tagħhom, għax dan jekk jiġi jintwera fiċ-ċinemas tagħhom, kien ser ikollu l-istess trattament ta' films Amerikani. '*Mera tal-Passat*' kien intwera bl-unuri kollha fl-*Eden Century Film Centre* bil-ftuħ tal-*Premiere Night* b'riżq id-*Down Syndrome Association* taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta Dr. Ugo Mifsud Bonnici. Dan kien sar fl-1996. '*Mera tal-Passat*' wara li kiseb suċċess enormi fl-*Eden Century Film Centre* kien intwera fis-*Sun City Cine Palais*, Wied il-Għajn. '*Mera tal-Passat*' kompla bis-suċċessi tiegħu billi kien intwera 3 darbiet fuq l-*SBS TV Station*, Awstralja u kien għamel suċċess kbir ma' ħutna l-Maltin li hemm emigranti fl-Awstralja.

Louis Cuschieri kompla jirrakkontali u qalli li "fl-2005 wieħed mill-atturi ta' dan il-film, Fabian Scerri de Carlo, qalli li *Bronk Productions* jixtiequ jaħdmu film għaċ-ċinemas. Wara diversi laqgħat intlaħaq ftehim li l-film '*Qerq*' jsir taħt tliet entitajiet li huma: Louis Cuschieri, li ħa ħsieb jikteb l-iscreenplay u jidderieġi, Paul Preca Trapani, ġie inkarigat bħala *Director of Photography* u Bronk Productions. '*Qerq*' ġie jiswa Lm 60, 000. Il-film ġie distribwit mill-*KRS Distributions* u ngħata l-istess trattament tal-films Amerikani. Tkellimna ħafna fuq l-isfidi li offriet



din il-produzzjoni, speċjalment fejn jidħlu l-atturi u l-għadma iebsa tal-finanzi. Louis sostna li tul *il-filming* ftakar ħafna fil-ktieb '*Acting in Film*' miktub minn Michael Caine. Kull kelma li hemm fih mhux biss qraha, iżda semagħha bil-fomm mingħand Caine stess, meta kien għadu jaħdem mal-MFF fit-tank ta' Rinella. Waħda mill-frażijiet li kien qalli u baqgħet ġo moħħi hija: "*What is the difference between a movie star and a movie actor? A movie star will say: How can I change the script to suit me? And a movie actor will say: How can I change me to suit the script?*"



Fl-aħħar staqsejtu għandux xi proġetti għall-futur? Louis bi tbissima fuq xofftu qalli: "Sakemm Alla jagħtini s-saħħa jien ma nieqafx, fil-fatt jien Paul Preca Trapani u Lawrence Chircop diġà bdejna nippreparaw fuq produzzjoni għaċ-ċinemas."

F'din l-intervista sraqna minn fomm Louis l-opinjoni tiegħu dwar il-festa tagħna, kbira fiċ-ċokon tagħha, fejn kollox idur fuq it-tliet qlub tal-Kalkariżi; San Ġużepp, il-Malta u s-Sagra Familja: "Minn ċkuniti sal-lum saru kambjamenti kbar. Meta kont żgħir kien hemm iz-ziju Ton, Ċensu Seguna u n-Neppi fost oħrajn. Dawn kienu jarmaw u jitħabtu għall-festa però ma kienx hemm dik l-organizzazzjoni li hawn illum.

Għalkemm miniex dilettant tal-festi, kont u għadni nieħu gost xorta waħda daqs kulħadd. Il-festi Maltin inbidlu ħafna. Napprezza ħafna l-ħidma taż-żgħażagħ u Alla ħares ma jkunux huma biex iżommu din il-kultura ħajja."

"Nawguralkom minn qalbi fl-okkażjoni tal-20 sena minn mindu waqqaftu l-Banda San Ġużepp. Banda fil-Kalkara qatt ma immaġinajniha, aħseb u ara kemm setgħet issir realtà. Awguri wkoll għall-każin, b'dik il-faċċata li tant issebbaħ il-pjazza tal-villaġġ tagħna.


# HENRY COHEN

Ghal kull Xogħol ta' Dranaġġ
u Arranġament ta' Katusi

**Tel: 2166 1932 Mob: 7948 6721 / 9940 8128**